Dan kollu kien ta' sodisfazzjon kbir għalih. Kien sinjal ieħor taż-żminijiet li tbiddlu. Iżda hemm ħaġa ċerta li qatt ma tbiddlet fil-ħajja ta' dan il-ħabib kbir tiegħi: il-faqar. Ma kienx hemm għal-fejn jistqarr, bis-sinċerità u l-irġulija rari tiegħu, li "Għext fqir u se mmut fqir", kif qal publikament f'Għawdex f'għeluq id-disgħin sena tiegħu. Daqqa t'għajn lejn is-sempliċità ta' lbiesu u lejn il-biċ-ċa dar fejn kien jgħix f'Raħal Ġdid juru ftit mill-faqar tiegħu. Ki-teb kemm felaħ, u wisq aħjar minn bosta minn sħabu, ħadem kemm felaħ u wisq iżjed minn min qatt ma ssogra l-pożizzjoni tiegħu. Iżda qatt ma nqeda bil-qagħda tal-Malti fi żmienu biex sar sinjur bħal ħaddieħor. Il-prinċipji tiegħu kienu nodfa, u minkejja l-bosta ediz-zjonijiet li saru tal-kotba tiegħu, anki fi żmienna, huwa misterju (li jista' jinħall) kif dan ir-"raġel fuq l-irġiel" għex fqir u miet fqir.

Hekk ikunu l-idejalisti, li huma ftit. U Ninu żgur li hu wieħed minnhom.

L-aħħar korrispondenza tiegħi ġġib id-data ta' Settembru-Ottubru, 1971, fejn tlabu f'isem il-Klabb Kotba Maltin biex issir edizzjoni ġdida tal-bijoloġija tiegħu "Vassalli u Żminijietu". L-ittra ġentili tiegħu għadha għandi, bħala l-aħħar tifkira minn għandu. Meta mbagħad messni nerġa' niktiblu, ktibtlu iżda mbagħad ma weġibnix. Ma setax jiktibli iżjed... Ma setax!

Ma' Ninu niżlet fil-qabar xhieda awtentika tat-twegħir tal-ġrajja ta' l-lsien malti. Niżel bniedem li ta ħajtu kollha għall-kawża li llum aħna, imqanqlin mill-eżempju tiegħu u ta' sħabu, nittamaw li naraw ir-rebħa sħiħa tagħha. Niżlet fil-qabar kwalità ta' rġulija li ma tinstabx malajr. (Niftakar, meta ftit ilu saret it-talba biex tingħatalu pensjoni fl-aħħar żmien ta' ħajtu, jien ktibt kemm flaħt fuq il-ġurnali. U Ninu kien grat. Iżda d-disgħin sena għalaqhom, il-kitba u t-talba saru, u huwa miet.... mingħajr pensjoni).

Ħaddieħor stagħna b'edizzjonijiet wara edizzjonijiet. Lil Ninu sarulu wkoll bosta edizzjonijiet iżda ma stagħniex. Għalhekk nibkih iżjed u nammirah wisq iżjed. Barra studjuż u kittieb kbir, għalija niżel fil-qabar karattru li nixtieq nerġa' niltaqa' miegħu.

Le, le, Nin, jien ma ninsiek qatt, għax int kont raġel miegħi u mal-Malti tagħna...



# LIL DR. A. CREMONA

**(F'egħluq id-90 sena)**

**Ta' ĠORĠ CHETCUTI**

Għaddew disgħin. Nistħajlek qisu l-bieraħ
Tiġi d-dar tagħna biex tkellem lil ħija;
Kliemkom kien għaqli, ħsiebkom ma kienx fieragħ,
Taħdmu flimkien għall-ġieh ta' l-art Maltija.

U meta kbirt għaraft kemm int fis-sewwa
Ħabbejt l-ilsien li jkabbar art twelidek;
Il-kelma safja rqamt b'sabar u ħlewwa:
Dak li ħassejt fil-qalb sawwartu b'idek.

Li bniedem jgħix għal għan bħal tiegħek siewi
Mhemm xejn isbaħ w aħjar, ta' glorja w ġieħ,
Il-ħajja ma titqiesx bil-għadd ta' xtiewi
Iżda bl-egħmejjel tagħha tajba w sbieħ.

Disgħin għaddew. Matul il-għomor tiegħek
Għaraft bħal siġra tkabbar ismek miegħek.